

MT
E-005164/2021
Tweġiba mis-Sinjura Dalli
f' isem il-Kummissjoni Ewropea
(1.3.2022)

1. Il-Kummissjoni daħlet fi djalogu mal-Istati Membri kollha, inkluż mar-Rumanija, wara l-ħruġ tas-sentenza Coman¹. Barra minn hekk, għaddej djalogu separat mar-Rumanija dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' residenza lill-konjuġi ta' ċittadini Rumani li jirritornaw, iżda mhux speċifiċi għas-sitwazzjoni ta' koppji tal-istess sess.

2. L-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ma fihx dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' sentenzi bbażati fuq il-proċedura ta' deċizzjonijiet preliminari. Madankollu, l-interpretazzjonijiet ipprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiffurmaw parti mid-dritt tal-UE u l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tnedi proċedura ta' ksur ibbażata fuq l-Artikolu 258 TFUE jekk tqis li Stat Membru jkun naqas milli jissodisfa obbligu skont it-Trattati.

Wara s-sentenza Coman, il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija ddeċidiet li, fuq il-bażi ta' din is-sentenza, id-dispożizzjonijiet tal-liġi Rumena li jipprojbixxu ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess huma kostituzzjonali biss sa fejn jirrikonoxxu d-dritt ta' residenza skont il-liġi tal-UE². Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija għalhekk ġibdet il-konsegwenzi tas-sentenza Coman mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. Is-sistema ġenerali tal-kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, stabbilita mir-Regolament 2020/2092³, tapplika għal ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru, li jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni, jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod suffiċjentement dirett. Il-Kummissjoni għandha tibda l-proċedura stabbilita mir-Regolament 2020/2092 jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 jiġu ssodisfati f'dan il-każ.

¹ Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-5 ta' Ġunju 2018, *Coman*, C-673/16, EU:C:2018:385.

² Id-Deċizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija Nru 534 tat-18 ta' Lulju 2018, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija Nru 842 tal-3 ta' Ottubru 2018.

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).